**QORTI KRIMINALI**

***ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D***

**Ammissjoni ai termini**
**tal-Artikolu 392B**
**427/2022**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**Juan Daniel Ramos GALINDO**

Illum, 30 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Juan Daniel Ramos GALINDO** ta' 33 sena, iben Juan Ramos u Belquez Galindo, imwieled il-Venezuela nhar id-19 ta' Diċembru 1988, residenti ġewwa indirizz mhux magħruf, u detentur tal-passaport tal-Venezuela bin-numru 142288120, akkużat talli:

1. Importa, jew ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordninanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjeta` immobbli jew mobbli li tkun proprjeta` ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita`, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta` li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjeta` li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt

il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tal-4 ta' Diċembru 2023, fejn l-akkużat Juan Daniel Ramos Galindo irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti akkordatlu żmien sabiex jerġa' jikkunsidra l-istess ammissjoni u jerġa' lura minnha;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Diċembru 2023, li permezz tagħha, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, iddikjara illi:

1. Huwa rċieva kopja skenjata tal-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Alfredo Mangion) vs Juan Daniel Ramos Galindo*** fil-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), u dana wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għal kopja skenjata tal-atti tal-kumpilazzjoni fit-termini tal-Artikolu 392B(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress li l-imputat **Juan Daniel Ramos Galindo** fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) stqarr li huwa ħati tar-reati li bihom ġie akkużat, liema reati huma soġġetti għal piena ta' aktar minn tnax (12)-il sena priġunerija;

2. Fit-termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat irreġistra l-ammissjoni tagħhom, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat in oltre r-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Juan Daniel Ramos Galindo, ippreżentat nhar it-8 ta' Jannar 2024, li permezz tiegħu filwaqt illi għamlu referenza għall-ammissjoni reġistrata mill-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar l-4 ta' Diċembru 2023, għan-nota ppreżentata mill-Avukat Ġenerali nhar is-6 ta' Diċembru 2023, u għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali, konġuntivament iddikjaraw illi qegħdin jaqblu, u konsegwentement jitolbu lil din il-Qorti sabiex timponi fuq l-akkużat Juan Daniel Ramos Galindo, piena ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' erba' (4) snin, flimkien ma' multa ta' sebat elef ewro (€7,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat Juan Daniel Ramos Galindo, u dan filwaqt illi għal kull buon fini ddikjaraw illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom dwar il-piena, hekk maqbula, ittieħed in kunsiderazzjoni dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli b'żewġ (2) gradi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar il-15 ta' Jannar 2024, fejn spjegaw il-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-piena maqbula bejniethom;

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata u sussegwentement ikkonfermata minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar l-4 ta' Diċembru 2023, din il-Qorti tiddikjara lill-akkużat **Juan Daniel Ramos Galindo** ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u ċioe` ħati talli:

1. Importa, jew ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordninanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qed tqis kemm il-fedina penali tal-akkużat fiż-żmien li seħħ il-każ, li hija waħda netta, tenut kont ukoll madankollu illi din kienet it-tieni darba li l-akkużat ġie Malta, bl-ewwel darba, meta ġie Malta fl-istess sena, għall-perjodu biss ta' madwar erbat ijiem, kif ukoll il-fatt illi għalkemm ma jistax jingħad li din ġiet reġistrata fl-iżjed stadji bikrija tal-proċeduri, huwa rreġistra ammissjoni qabel inħarġet l-att ta' akkuża fil-konfront tiegħu. Qieset in oltre ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż illi nhar l-10 ta' Awwissu 2022 huwa mporta ġewwa Malta tnejn u erbgħin (42) kapsula kontenenti tliet mija, erbgħa u ħamsin punt sitta grammi (354.60g) kokaina, b'persentaġġ medju ta' kokaina fil-materjal ta' erbgħa u sebgħin fil-mija (74%), u b'valur fis-suq stmat fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija, erbgħa u disgħin ewro (€22,694), kif ukoll illi l-akkużat kien *drug mule*. Tqis in oltre illi l-akkużat ikkopera mal-Pulizija, tant illi kif dikarjat fir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat, ittieħed in konsiderazzjoni dak li jiddisponi l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-piena tnaqqset b'żewġ gradi. Qieset in oltre illi l-partijiet ħadu in konsiderazzjoni l-ġurisprudenza in materja u pieni erogati dwar reati li jinvolvu d-droga. Fir-rigward, il-partijiet iċċitaw, fost oħrajn, is-sentenzi fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kofi Otule Friday</u>**, Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri), 22 ta' Ġunju 2022; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Grima</u>**, Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri), 22 ta' Jannar 2020; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Marcozzi</u>** (Qorti Kriminali), 15 ta' Frar 2022 u **<u>The Republic of Malta vs Austin Uche,</u>**

***Omissis***, Qorti Kriminali, 10 ta' Marzu 2020. Naturalment, kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu, u fil-waqt illi ġurisprudenza in materja tista' sservi bħala linja gwida, il-piena mposta għandha dejjem tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina.

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mal-piena kif patteġġjata bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 392B(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema piena hija waħda fil-parametri tal-liġi.

In kwantu t-talba tal-akkużat fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024, illi jiġi awtorizzat illi jħallas il-multa patteġġjata bejn il-partijiet fi żmien sena mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta' priġunerija, il-Qorti tqis illi l-akkużat m'għandu assolutament l-ebda rbit ma' dawn il-Gżejjer u għalhekk tqis ukoll illi m'għandhiex tilqa' t-talba tiegħu.

Għaldaqstant, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 16, 20, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(i)(aa)(ii), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 2, 4, 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17(h), 23, 392B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati **Juan Daniel Ramos Galindo** għall-piena ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' erba' (4) snin u multa ta' sebat elef ewro (€7,000), liema multa, fin-nuqqas ta' ħlas, tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

In oltre wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia s-somma ta' disa' mija, erbgħa u erbgħin ewro (€944), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Gilbert Mercieca, is-somma ta' mitejn, sitta u erbgħin ewro u tmien ċenteżmi (€246.08), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Uffiċjali Ċivili Peter Bonello u Matthew Galea, is-somma ta' elf, tnejn u sebgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1072.96), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Keith Cutajar u s-somma ta' tliet mija, tnejn u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€362.20), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Mario Scerri, b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' elfejn, sitt mija, ħamsa u għoxrin ewro u erbgħa u

għoxrin ċenteżmu (€2,625.24)[1], liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum, u fin-nuqqas jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, proprjeta` mobbli u immobbli tal-ħati.

Finalment sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita f'dawn il-proċeduri hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur, li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

[1] Il-Qorti tinnota illi l-esperti Dr. Marisa Cassar u PS 813 Clinton Vella, maħtura fl-inkjesta li saret f'dan il-każ, baqgħu ma espletawx l-inkarigu lilhom mogħti. Fil-każ ta' PS 813 Clinton Vella, dan għaliex ma kienx possibbli li huwa jespleta l-inkarigu tiegħu u fil-każ ta' Dr. Marisa Cassar, għaliex fiċ-ċirkostanzi, ma kienx hemm il-ħtieġa għal tali nkarigu.